MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 549/2008

**Mercury Management Ltd (C28103)**

**Vs**

**Norbert Camilleri (ID 21779M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta’ Lulju 2008 fejn is-socjeta` attrici qeghda titlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut Norbert Camilleri jhallas is-somma komplessiva ta’ elf, tlett mija u erbgha u sebghin euro (€1,374.00) rapprezentanti hlas ta’ xoghol ta’ *consultancy* fuq l-ordni u ghall-beneficcju tal-konvenut;

Illi nonostante interpellat sabiex ihallas l-ammont hawn fuq deskritt, il-konvenut baqa’ inadempjenti minghajr raguni valida;

Ghalhekk kellha ssir dina l-kawza kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta nru. 1488/08 u bl-imghax legali mill-10 t’Ottubru 2007 sal-pagament effettiv.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut tas-6 t’ Awissu 2008 li permezz taghha eccepixxa illi t-talba tas-socjeta` attrici fil-konfront tal-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li ma huwa dovut l-ebda ammont lis-socjeta` attrici mill-konvenut;

Illi di piu` u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut qatt ma nkariga lis-socjeta` attrici sabiex tezegwizzi xi xogholijiet;

Bl-ispejjez.

Sema` x-xhiedha kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-llum ghad-decizjoni wara illi d-difensuri tal-partijiet ttrattaw il-kawza.

Ikkunsidra :

Illi meta xehed **Arthur Turner**, prodott mis-socjeta` attrici nhar l-10 ta’ Novembru 2008, dan ipprezenta erbgha (4) dokumenti mmarkati Dok AT1, Dok AT2, Dok AT3 u Dok AT4. Ix-xhud ikkonferma li kien ta’ diversa konsulenza lill-konvenut fejn kien involva ukoll professjonisti ohra fosthom avukati u *brokers.* Di fatti, ix-xhud esebixxa dokument (Dok AT1) li jikkontjeni numru ta’ *e-mails* li gew skambjati bejn id-ditta ta’ Arthur Turner stess, ossia is-socjeta` attrici u l-konvenut. Mid-dokument in kwistjoni jirrizulta illi x-xoghol kollu sar bejn Lulju 2007 u Novembru ta’ l-istess sena u li l-konvenut kien qieghed jinkarigah sabiex ikomplilu x-xoghol.

Arthur Turner esebixxa numru ta' dokumenti ohra in sostenn tat-tezi tieghu, fosthom DOK AT2, AT 3 u AT4. Ix-xhud stqarr ukoll li l-konvenut kien qallu li qed jiddiskuti l-kont ma' Michael Grech. Inoltre`, il-konvenut kien qallu ukoll li l-kont in kwistjoni kellu jkun parti mill-*fund* li kienu ser jikkreaw, liema *fund* baqa` qatt ma sar.

Illi xehed **Olaf McKain** prodott mis-socjeta` attrici nhar l-10 ta' Novembru 2008 fejn ikkonferma li kien hu li ntroduca lill-konvenut mas-socejta` attrici u li fil-laqghat tal-bidu bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut kien prezenti wkoll.

Illi xehed **Michael Grech** prodott mis-socjeta` attrici nhar l-10 ta' Novembru 2008 fejn stqarr illi hu kien qed jintalab minghand Norbert Camilleri jirraprezenta servizzi li l-kumpanija ghamlet lil Norbert Camilleri fosthom laqghat. Ikkonferma wkoll illi wara li s-socjeta` attrici kienet baghtet il-kont taghha lill-konvenut, l-istess konvenut ried jipposponi l-hlas ghal wara li jkun sar il-*profession indemnity investment fund.*

Illli xehed il-konvenut **Norbert Camilleri** nhar il-5 ta' Mejju 2009 fejn ikkonferma li kien ghamel xi laqghat mas-socjeta` attrici sabiex jara s-servizzi taghhom, pero` hu stqarr illi saru biss dawn il-laqghat u ma sar ebda xoghol. Il-konvenut kompla jghid li kien ircieva l-kont biss wara li hu kien innotifika lis-socjeta` attrici li ma kienx ser jibqa' jahdem maghhom.

Illi l-konvenut spjega wkoll li l-*meetings* originali kienu jirrigwardjaw is-servizz tal-*Marketing* li kienu qed joffru lill-kumpanija tal-*computers* tieghu stess u kienu biss fl-ahhar zewg laqghat illi ssemmiet il-kwistjoni tal-*funds*.

Hu stqarr li kien hadha *for granted* li f'dawk il-laqghat ma kinux ser jiccargjawh ghaliex kien tal-fehma illi kienu *promotional meetings* fejn di fatti ma kienu kkonkludew xejn u inoltre ma mmaterjalizza xejn. In kontro-ezami, hu ikkonferma illi qatt ma accetta l-*Property Investors' Fund,* minkejja l-fatt illi kienet giet offruta lilu. Ikkonferma wkoll li hu ghandu l-*Financial Advisers* tieghu u ghalhekk ma

kellux bzonn il-pariri ta' Michael Grech u inoltre jichad illi hu qabbadhom ghal xi pariri.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi essenzjalment din hija kwistjoni dwar kont illi s-socjeta` attrici qed tippretendi l-hlas tieghu mahrug minnha ghal servizzi minnha pprestati – filwaqt illi l-konvenut jirribatti billi jsostni illi hu ma ghandux ihallsu peress illi qatt ma accetta l-proposta ta' investiment maghmula, qed jigi mitlub hlas ta' *promotional meetings* u fuq kollox hu ghandu l-financial advisors tieghu.

Illi l-kont gie esebit a fol 75 tal-process u jindika talba ghall-hlas bhala *down payment on various meetings held with your goodselves and in relation to the initial set-up procedures*.

Mill-istess dicitura tal-kont huwa evidenti illi l-hlas mitlub jista` jinqasam fi tnejn, in parti ghall-*meetings* li kienu qed jinzammu u in parti ghal *initial set-up procedures*.

Qabel xejn dan it-Tribunal kif presedut itenni dak li dejjem tenna – li kull minn jippresta servizz lil haddiehor ghandu dritt illi jippretendi li jkun mhallas b'mod ragjonevoli tas-servizzi hekk pprestati, sakemm dawn ikunu servizzi mitluba, necessarji u maghmula u moghtija bl-ahjar hila u skond is-sengha u l-arti.

F'dan il-kaz jirrizulta car u ampju mill-provi migjuba illi saru kemm il-laqghat illi taghhom il-kont jaghmel referenza ghalihom, u kif ukoll l-*inititial set up procedures* illi l-kont jaghmel ukoll referenza ghalihom. Sa hawnhekk ghalhekk, it-Tribunal ihoss illi kienet korretta is-socjeta` attrici illi titlob il-hlas ghas-servizzi hekk rezi.

Filwaqt illi ghandu jkun dejjem desiderat illi qabel ma jibdew ikunu pprestati s-servizzi, ikun hemm qbil bejn il-partijiet dwar it-tariffi u l-fees illi minn qed jippresta jkun sejjer jitlob minn ghand ir-ricevitur ta' tali servizzi – f'dan il-kaz ma jirrizultax illi kien hemm.

Kien jispetta lill-konvenut illi jsaqsi ghall-informazzjoni necessarja qabel jibda` jiddiskuti mas-socjeta` attrici – u zgur illi mhux accettabbli illi jassumi u jiehu *for granted* illi mhux ser ikun mitlub hlas. Se mai, kien ikun accettabbli u giustifikat illi wiehed jiehu for granted illi ser ikun hemm talba ghal hlas tas-servizzi pprestati u mhux bil-kontra. Promotional meetings jew mhumiex, sakemm ma jkunx hemm ftehim mod iehor – minn jirrendi servizzi bhal ma huma l-Avukati, l-Accountants, Financial Controllers u Advisors, dawn ghandhom ukoll jithallsu tal-hin minnhom dedikat, ghax il-hin taghhom huwa dak li huma jbieghu.

Daqstant iehor mhux giustfikat illi l-konvenut ighid illi mhux dovut ihallas ghax il-proposta ta' investiment ma hadiex u di piu`, hu ghandu l-advisors tieghu.

Dwar l-ewwel jinghad illi l-hin offert u moghti mis-socjeta` attrici jibqa` hemm u tieghu, kif hawn fuq jinghad, s-socjeta` attrici giustament ghandha tippretendi l-hlas. Dwar it-tieni punt, jinghad illi ma jirrizultax illi fil-bidu tat-tahdidiet bejn il-partijiet l-konvenut ghamilha cara illi hu kellu l-financial advisors tieghu u ghalhekk ma kellux bzonn dawk tas-socjeta` attrici. Dan in-nuqqas ta' l-istess konvenut, anke jekk ikkonsulta mal-advisors tieghu fuq il-proposta li giet diskussa bejn il-kontendenti, jitfa` l-htija appuntu fuq l-istess konvenut.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq msemmija u wara illi t-Tribunal ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jirrispingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa` t-talba attrici u jordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf tlett tmija u erba` u sebghin Euro (€1374), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------